PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Brussell, 11 ta' Lulju 2008

Rapport mid-Delegazzjoni tal-Kumitat LIBE dwar iż-Żjara f'Ċipru (25 - 27 ta' Mejju 2008)

Rapporteur: Jeanine HENNIS-PLASSCHAERT

1. Skop u kalkolu taż-żmien

Delegazzjoni ta' 7 Membri tal-Parlament Ewropew żaret Ċipru bejn il-25 u s-27 ta' Mejju 2008. Il-Kap tad-Delegazzjoni kien is-Sra Martine ROURE (ara l-lista mehmuża - l-Anness 1).

L-iskop taż-żjara kien li tinġabar informazzjoni u li s-sitwazzjoni tiġi aċċertata direttament fir-rigward ta' kif jintlaqgħu dawk li jfittxu ażil u migranti irregolari f'Ċipru, biex jiġu verifikati l-kundizzjonijiet taċ-ċentri, biex issir evalwazzjoni ta' kif id-direttivi u r-regolamenti Ewropej rilevanti[1] qed jiġu implimentati kif ukoll biex jiġu skambjanti opinjonijiet mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet tal-gvern. Din iż-żjara f'Ċipru segwiet vjaġġi simili fl-Italja (Lampedusa), fi Spanja (Ceuta u Melilla, kif ukoll il-Gżejjer Kanarji), fi Franza (Pariġi), f'Malta, fil-Greċja, fil-Belġju, fir-Renju Unit, fl-Olanda, fil-Polonja u fid-Danimarka.

[1] Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistipula l-istandards minimi dwar kif jiġu milqugħa dawk li qed ifittxu ażil (Id-Direttiva dwar l-Akkoljenza - Ġurnal Uffiċjali L 031, 06/02/2003 P. 0018 – 0025)

Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE ta' l-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat (Id-Direttiva dwar il-Proċeduri - Ġurnal Uffiċjali L 326, 13/12/2005 P. 0013 – 0034)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (Regolament ta' Dublinu II - Ġurnal Uffiċjali L 050, 25/02/2003 P. 0001 - 0010)

Iż-żjara tad-delegazzjoni ffukat fuq 3 ċentri magħluqa differenti (iċ-ċentru ta' detenzjoni Famagusta, l-Għassa tal-Pulizija ta' Aradippou, iċ-ċentru ta' Detenzjoni Blokk 10 tal-Ħabs Ċentrali) u ċentru miftuħ ta' akkoljenza (iċ-Ċentru ta' Akkoljenza ta' Kofinou).

Fost oħrajn, id-delegazzjoni ltaqgħet ma':

- Il-Ministru ta' l-Intern, is-Sur Neoklis SYLIKIOTIS
- Il-Ministru għax-Xogħol u għall-Assigurazzjoni Soċjali, is-Sra Sotiroulla CHARALAMBOUS
- Id-Direttur tar-Reġistru Ċivili u tad-Dipartiment ta' Migrazzjoni, il-Ministeru ta' l-Intern is-Sra Anny SHAKALLI
- L-Assistent Kap tal-Pulizija, il-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Ordni Pubblika, is-Sra Marianna FRANTZI
- Is-Supretendent A', l-Unità tal-Barranin u l-Immigrazzjoni, il-Pulizija, il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubblika, is-Sur Emilios LAMBROU
- Il-Kap Spettur tal-Pulizija, il-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Ordni Pubblika, is-Sra Kyriaki LAMBRIANIDOU
- L-Ispettur tal-Pulizija, il-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Ordni Pubblika, is-Sur A. LEONIDOU
- L-Uffiċċjali Amministrattivi, is-Servizz tal-Ażil, il-Ministeru tal-Intern, is-Sur Sotos KTORIS, Is-Sur Andreas CONSTANTINOU, Is-Sra Natasa ANDREOU, Is-Sra Kakia DEMETRIOU, u s-Sra Agni PAPAGEORGIOU

Fl-aħħar nett, id-delegazzjoni ltaqgħet ukoll ma' numru ta' rappreżentanti minn organizzazzjonijiet diversi, bħalma huma:

- *UNHCR*
- Il-Programm Ewropew u tal-Ażja Ċentrali tal-*Amnesty International*
- *KISA* - Azzjoni għall-Ugwaljanza, Appoġġ u Antirazziżmu
- *Apanemi* - Ugwaljanza bejn is-sessi
- *Future Worlds Centre*

Id-delegazzjoni organizzat konferenza stampa li temmet iż-żjara. Kien hemm rappurtaġġ fil-midja f'Ċipru dwar din iż-żjara.

2. L-isfond informattiv

Minħabba l-pożizzjoni ġeo-strateġika unika u l-adeżjoni tagħha fl-UE fl-1 ta' Mejju 2004, Ċipru sar, f'perjodu qasir ta' żmien, wieħed mill-pajjiżi tal-UE li jilqa' lil dawk li qed ifittxuażil u lill-imigranti irregolari. Is-sistema tal-ażil ta' Ċipru għadha tibda peress li l-awtoritajiet Ċiprijotti assumew ir-responsabbiltà biex jevalwaw talbiet għall-ażil biss f'Jannar tal-2002. Qabel dan, kienet il-UNHCR li kienet tiddeċiedi liema minn dawk li kienu jfittxuażil kienu refuġjati ġenwini.

In-numru ta' persuni ġodda li jfittxuażil li ressqu l-applikazzjonijiet fil-parti mmexxija mill-gvern f'Ċipru fl-2007 kien ta' 6,789. Fuq bażi *per capita*, dan huwa bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għal 600,000 applikazzjoni ġdida fir-Renju Unit, jew 800,000 fil-Ġermanja. Filwaqt li paraguni teoretiċi bħal dawn għandhom ċerti limitazzjonijiet, huwa ovvju li Ċipru kien (u għadu) qed jaffaċċja numru ta' diffikultajiet serji. Bosta mill-immigranti irregolari jikkunsidraw lil Ċipru bħala l-ewwel pass lejn Stati Membri oħra.

Huwa estremament ċar li n-numru kbir ta' ċittadini irregolari minn pajjiżi terzi li qed jaqsmu 'il-Linja l-Ħadra', li taqsam iz-zoni okkupati mit-Torok mill-bqija tal-pajjiż, qed iwassal għal numru ta' problemi partikulari u dan għandu jiġi meqjus bħala kwistjoni ta' ħassib serju. Anqas minn 1% ta' dawk li qed ifittxu asil u immigranti irregolari jidħlu f'Ċipru direttament fiz-zoni kkontrollati mill-gvern. Il-maġġoranza jidħlu f'Ċipru billi jaqsmu 'il-Linja l-Ħadra'.

Kwistjoni oħra hija dik ta' l-Awtoritajiet Brittaniċi ta' Bażi Sovrana (SBAs) f'Ċipru. Negozjati bejn ir-Renju Unit u l-Gvern ta' Ċipru wasslu għall-iffirmar, fi Frar 2003, ta' Memorandum ta' Ftehim li jikkonċerna r-responsabbiltà tar-Renju Unit (permezz ta' l-Amministrazzjoni tal-SBA) għall-migranti irregolari u għal dawk li qed ifittxu asil li jaslu fuq il-gżira ta' Ċipru direttament miz-Zona ta' Bażi Sovrana .

Żewġ tipi ewlenin ta' ċentri li jeżistu f'Ċipru:

- Bosta ċentri ta' detenzjoni għal migranit irregolari (dokumentati jew mhux dokumentati) li qed jistennew biex jitneħħew jew biex jirritornaw. Attwalment jesgħu mhux aktar minn 179 persuna. It-tlestija ta' ċentru ġdid ta' detenzjoni li jesa' 300 persuna hija maħsuba għall-2011. Jekk iċ-ċentri ta' detenzjoni ikunu mimlija, l-awtoritajiet sempliċiment jieqfu milli jarrestaw lin-nies.
- Ċentru miftuħ ta' akkoljenza għal nies li qed ifittxu asil li qed jistennew deċiżjoni finali dwar l-applikazzjonijiet tagħhom li jesa' massimu ta' 120 persuna.

Rikonoxximent ta' refuġjat - u rati ta' protezzjoni f'Ċipru:
Ara l-Anness II. Ta' min wieħed jinnota li l-UNHCR mihijiex tirreaġixxi għar-rati baxxi ta' rikonoxximent.
Il-UNHCR tenfasizza madankollu il-lok għal titjib fil-proċedura u għalhekk tirreaġixxi għal dawn il-prattiki li ġejjin:

- Id-eċiżjonijiet finali wara r-rakkomandazzjonijiet għal rikonoxximent qed idumu għal perjodi twal ta' żmien (sa 3 snin);
- Id-deċiżjonijiet f'każijiet kumplessi (l-aktar, il-każijiet ta' rikonoxximent potenzjali) qed idumu u għalhekk ma jiġux finalizzati f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

3. Proċeduri Uffiċjali mal-wasla għal min qed ifittex asil

Bħalma jiġri fl-Istati Membri kollha tal-UE, l-għoti tal-Asil huwa r-responsabbiltà esklussiva tal-istat. Applikazzjonijiet għall-asil għandhom, bħala prinċipju, jitressqu mingħajr dewmien fil-punti tad-dħul. Madankollu, jekk pereżempju persuna tinqabad fit-triq, din xorta jkollha l-opportunità tressaq applikazzjoni għall-asil.

Is-Servizz tal-Asil ħejja fuljett għal min qed ifittex asil (dwar kif wieħed għandu japplika għall-istatus ta' refuġjat, kif wieħed jista' jikseb permess ta' residenza jew ta' xogħol, dettalji dwar id-drittijiet u l-obbligi tar-refuġjati, kif wieħed jikkwalifika għall-assistenza pubblika, informazzjoni dwar l-intervisti li jwasslu biex jiġi determinat l-istatus ta' refuġjat). Il-formoli tal-applikazzjoni għall-asil huma disponibbli bil-lingwa Griega, Torka, Ingliża, Franċiża, Għarbija, Farsi, Serbo-Kroata u Russa. Jekk ma jkunx hemm formoli ta' applikazzjoni fil-lingwa li l-persuna li qed tfittex asil tista' taqra jew tikteb, din tista' tistaqsi għal interpretu b'xejn. Il-persuna li qed tfittex asil għandha tinforma lill-uffiċjal jekk din m'għandhiex fejn toqgħod, sabiex jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi pprovduta alloġġ.

Wara li ssir intervista mal-applikant, uffiċjal b'taħriġ speċjali għandu jressaq rapport u evalwazzjoni lis-Servizz tal-Asil u l-applikant jingħata dik li tissejjaħ 'ittra ta' konferma' (li

turi li dil-persuna applikat għall-ażil). Meta tirċievi 'l-ittra ta' konferma', il-persuna li qed tfittex ażil għandha tapplika għal Alien Book u għal permess ta' Residenza Temporanja (b'xejn) ukoll. Barra minn hekk, il-persuna li qed tfittex ażil għandha tagħmel eżami mediku f'temp ta' 3 ijiem wara li tirċievi 'l-ittra ta' konferma'.

Wara deċiżjoni pożittiva, l-applikant jirċievi ittra ta' rikonoxximent li tikkonferma l-istatus li ngħata (status ta' refuġjat, protezzjoni sussidjarja jew status ta' residenza għal raġunijiet umanitarji). F'każ ta' deċiżjoni negattiva, l-applikant jirċievi ittra li tispjegalu r-raġunijiet u għandu d-dritt jappella fiż-żmien stipulat fl-ittra ta' rifjut. L-Awtorità ta' Reviżjoni tar-Refuġjati hija responsabbli mill-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil li jiġu rifjutati mis-Servizzi tal-Ażil.

Sa ma tintlaħaq deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni għall-ażil, l-applikant għandu d-dritt li:

- legalment jibqa' f'Ċipru u jiċċaqlaq liberament;
- japplika għal xogħol fil-qasam tal-agrikoltura u l-bhejjem (wara sitt xhur biss);
- jirċievi għajnuna pubblika permezz tal-Uffiċċju tal-Għajnuna Soċjali billi juri 'l-ittra ta' konferma'. Bħala l-ewwel pass, l-Uffiċċju tal-Għajnuna jista' jagħti ammont biex ikopri l-ħtiġijiet immedjati sakemm l-applikazzjoni għall-għajnuna tiġi eżaminata bir-reqqa;
- li jirċievi kura medika b'xejn (fuq il-bażi tad-dħul annwali tiegħu);
- li jirċievi edukazzjoni (minorenni mhux akkumpanjati jew tfal taħt l-età ta' persuni li qed ifittxu ażil).

Skont il-liġi tar-Refuġjati (Artikolu 7), id-detenzjoni hija permessa, minn Ordni mill-qorti u għal żmien massimu ta' 32 ġurnata, f'każijiet fejn il-persuna li qed tfittex ażil iddistruġġiet jew remiet id-dokumenti tal-ivvjaġġar u tal-identità tagħha jew jekk użat dokumenti foloz. Jekk l-applikazzjoni ġiet irrifjutata (kemm mis-Servizzi tal-Ażil kif ukoll mill-Awtorità ta' Reviżjoni tar-Refuġjati) u ħarġet ordni għad-deportazzjoni, wieħed jista' jiġi miżmum ukoll. Wara li jgħaddu t-32 ġurnata, il-persuna li qed tfittex ażil tiġi rilaxxata.

Skont il-liġi dwar il-Barranin u l-Immigrazzjoni, kif ukoll skont il-każistika relevanti, id-detenzjoni hija wkoll possibbli fuq il-bażi ta' ordnijiet ta' deportazzjoni u detenzjoni (maħruġa mid-Direttur tar-Reġistru Ċivili u d-Dipartiment tal-Migrazzjoni). Din l-ordni tista' tiġi maħruġa meta persuna kienet immigranta irregolari pprojbita qabel ma saret l-applikazzjoni tagħha u/jew fil-każ li l-persuna ġiet ikkundannata l-ħabs minħabba offiża kriminali (> xahar), u wara dan il-persuna ġiet ikkunsidrata bħala immigranta 'mhux mixtieqa'. Id-detenzjoni fuq il-bażi ta' ordni ta' deportazzjoni u detenzjoni mhijiex limitata. L-eżekuzzjoni ta' ordni ta' deportazzjoni hija sospiża meta tkun għadha mistennija d-determinazzjoni finali tal-applikazzjoni għall-ażil. Ordni ta' deportazzjoni u detenzjoni, meqjusa bħala att amministrattiv, tista' tiġi appellata fil-Qorti Suprema tar-Repubblika billi tiġi mressqa applikazzjoni *habeas corpus* u/jew applikazzjoni skont l-Artikolu 146 tal-kostituzzjoni. Is-sistema legali Ċiprijotta normalment ma tipprovdix għal reviżjonijiet legali regolari.

4. Żjara f'żewġ ċentri ta' detenzjoni magħluqa (25.05.2008)

4.1. Iċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Famagusta f'Larnaca

Iċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Famagusta huwa wieħed miċ-ċentri ta' deteznjoni ż-żgħar u jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubblika. Il-faċilità ta' detenzjoni hija fil-pjan terran ta' l-għassa tal-pulizija. In-numru massimu ta' nies li tesa' l-faċilità huwa ta' 22 persuna. Fil-mument taż-żjara kien hemm 6 irġiel Sirjani miżmuma, raġel Iranjan u raġel mill-Pakistan. Il-bini huwa qadim iżda kien nadif u aċċettabbli waqt iż-żjara. Minħabba

ilmenti u rabja pubblika wara ġlied xi ftit snin ilu, id-detenuti huma obbligati jibqgħu 'ġewwa' u ma jistgħux jiċċaqilqu liberament fuq il-proprjetà minkejja li hemm ħajt tal-*barbed wire* mad-dawra. L-awtoritajiet Ċiprijotti urew li qed jaħdmu biex isibu soluzzjoni sabiex dan jinbidel fil-futur qrib. Il-bibien taċ-ċelel jibqgħu miftuħin lejl u nhar. Kull ċella għandha qanpiena li tista' tintuża mid-detenuti jekk jeħtieġu xi ħaġa. Jistgħu jiġu provduti lilhom interpreti u għajnuna medika fuq talba u/jew jekk jinħass il-bżonn ta' dan mill-uffiċjal(i) fis-servizz. Kien hemm disponibbli formoli biżżejjed li jispjegaw id-drittijiet tal-persuni detenuti f'7 lingwi differenti. Mill-inqas wieħed mid-detenuti stqarr li ma jafx eżattament għalfejn ġie arrestat u miżmum. Skont hu, l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu kienet għadha mhux finalizzata filwaqt li l-mara u t-tfal (mhux detenuti) issa kienu qed jaffaċċjaw diffikultajiet serji biex isibu mezzi biżżejjed għall-ispejjeż ta' kuljum minħabba li hu qed jiġi miżmum. B'mod ġenerali jidher li bosta detenuti f'dan iċ-ċentru jiġu arrestati wara li jseħħ inkontru mal-forzi tal-ordni, meta jinsabu li huma irregolari u jkunu qed jistennew li jiġu trasferiti f'faċilità oħra ta' detenzjoni sabiex jiġu mibgħuta lura.

4.2. L-Għassa tal-Pulizija ta' Aradippou

L-Għassa tal-Pulizija ta' Aradippou mhijiex 'il bogħod miċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Famagusta, fit-trip minn Larnaca għal Nikosija. Huwa bini modern li beda jopera fl-2004. L-għassa hija l-ewwel nett responsabbli miż-żamma tal-ordni fiz-zona. Barra minn hekk fiha 8 ċelel, prinċiparjament maħsuba biex iżommu persuni regolari suspettati minn krimini. Jekk il-faċilitajiet ta' detenzjoni għall-migranti irregolari jesperjenzaw nuqqas ta' spazju, jiġu akkomodati, permezz ta' deroga, fl-Għassa tal-Pulizija ta' Aradippou wkoll. F'dak il-każ, l-awtoritajiet Ċiprijotti jagħmlu l-almu tagħhom biex ma jħalltux l-immigranti irregolari mal-persuni regolari suspettati minn krimini. Madankollu, ma setgħatx tingħata garanzija. Il-faċilità tesa' massimu ta' 16-il persuna. Issir separazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa. Bi prinċipju, il-familjari u l-minorenni ma jiġux miżmuma; is-servizzi tal-għajnuna soċjali jieħdu r-responsabbiltà f'idejhom. Minorenni 'l fuq minn 16-il sena jistgħu jinżammu biss bħala konsegwenza ta' offiżi kriminali.

5. Laqgħa mal-NGOs u l-IOs (26.05.2008)

L-NGOs esprimew it-tħassib tagħhom dwar aċċess effettiv għall-ażil. Skont huma, hemm tendenza li dejjem qed tiżdied li l-immigranti jiġu ttrattati għall-bidu bħala 'irregolari'. It-tqassim u d-disponibbiltà (kif ukoll it-traduzzjonijiet) tal-fuljett li jispjega d-drittijiet ta' persuna li qed tfittexażil (kif ippreparat mis-Servizz tal-Ażil) mhumiex kif għandhom ikunu. Ġie kkritikat ukoll l-ammont apparentament enormi ta' xogħol b'lura ta' applikazzjonijiet u appelli li għadhom ma ġewx ipproċessati. Il-UNHCR irċeviet ilmenti dwar applikazzjonijiet li daħlu fl-2002 u li għadhom qed jistennew deċiżjoni.

Ladarba applikazzjoni għall-ażil titqiegħed f'fajl, l-NGOs qalu li l-persuna li qed tfittexażil għandha, fil-prattika, aċċess limitat ħafna għad-drittijiet tagħha, u għad dritt għall-għajnuna pubblika u għall-benefiċċji ta' assistenza u b'mod partikulari għall-alloġġ. L-uniku ċentru miftuħ ta' akkoljenza f'Ċipru, iċ-ċentru ta' akkoljenza ta' Kofinou, ma tantx jesa', u l-irġiel mhux miżżewġin qed jiġu eskluż i. Fil-fatt, il-persuni li qed ifittxu żil huma mistennija li jsibu l-alloġġ tagħhom huma stess kif ukoll il-mezzi meħtieġa għall-infiq ta' kuljum. Skont l-NGOs, l-Awtoritajiet Ċiprijotti qed jirrifjutaw ukoll, b'mod sistematiku, li jikkunsidraw is-sitwazzjoni ta' persuni vulnerabbli. Jidher li l-evalwazzjonijiet individwali sabiex jiġu identifikati l-persuni li jeħtieġu trattament speċjali huma insuffiċjenti jew neqsin.

Ċipru ma stipulatx limitu fuq il-perjodu ta' żmien massimu amministramtiv ta' detenzjoni bil-liġi. Għalkemm l-awtoritajiet jiddikjaraw li r-regola hija ta' massimu 6 xhur, isseħħ ukoll detenzjoni fuq perjodu twil ta' żmien (aktar minn 24 xahar), ħafna drabi f'każijiet fejn persuni li qed ifittxu ażil u li ġew irrifjutati (għal raġunijiet varji) ma jistgħu jiġu deportati lejn il-pajjiż ta' oriġini jew ta' tranżitu tagħhom u/jew f'każijiet fejn il-persuni li qed ifittxu ażil skontaw sentenzi għal offiżi kriminal żgħar (l-ordni ta' deportazzjoni hija sospiża minħabba applikazzjoni għall-ażil mhux finalizzata, iżda mhux minħabba l-ordni ta' detenzjoni). Ma setgħux jiġu mwieġba mistoqsijiet dwar l-eżistenza ta' reviżjonijiet legali regolari dwar detenzjoni. Ġie miftuħ dibattitu żgħir dwar l-aċċess għall-għajnuna legali. Jidher li ma jeżistix aċċess għall-għajnuna legali b'xejn fil-każ li l-persuna li qed tfittex ażil (u ġiet rifjutata) m'għandhiex mezzi finanzjarji suffiċjenti biex tħallas għaliha.

B'mod ġenerali, l-NGOs għandhom aċċess għall-persuni li qed ifittxu ażil u dawk detenuti. Madankollu, hemm bosta każijiet fejn il-pulizija għamluha diffiċli li jsir dan. Ilmenti li tressqu mill-NGOs, anki quddiem il-Kumitat Indipendenti għall-Investigazzjoni ta' Lmenti kontra l-Pulizija (imwaqqaf fl-2004), ġew timbrati li 'm'għandhomx bażi soda'.

6. Laqgħa mal-Kummissarju għall-Amministrazzjoni (Ombudsman), Is-Sra Eliana NICOLAOU (26.05.2008)

L-ombudsman, bħala korp indipendenti, kitbet bosta rapporti dwar is-sitwazzjoni tal-persuni li qed ifittxu ażil. Fir-rapporti tagħha, l-ombudsman indirizzat b'mod partikulari il-kwistjonijiet dwar it-tul tal-evalwazzjoni tal-ilmenti, l-aċċess limitat ħafna għas-servizzi mediċi u soċjali kif ukoll id-detenzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bħala segwitu ta' ordni ta' deportazzjoni u detenzjoni. Għalkemm għad hemm problemi x'jissolvu, hi qalet li xorta kien hemm progress f'dawn l-aħħar snin.

L-ombudsman tikkunsidra d-deċiżjoni tal-gvern biex jiġi limitat id-dritt tal-persuna li qed tfittex ażil għal xogħol fis-setturi tal-bhejjem u tal-agrikoltura bħala waħda diskriminatorja u li tmur kontra l-liġi u tistieden lill-gvern biex jirrevediha.

7. Żjara fiċ-ċentru miftuħ ta' akkoljenza (26.05.2008)

Iċ-Ċentru ta' Akkoljenza ta' Kofinou

Iċ-Ċentru ta' Akkoljenza ta' Kofinou huwa l-uniku ċentru miftuħ ta' akkoljenza. Iċ-ċentru beda jopera f'Jannar 2004, u qiegħed 3 kilometri 'l bogħod mir-raħal ta' Kofinou fit-triq lejn Limassol minn Nikosija. Iċ-ċentru ta' akkoljenza ta' Kofinou jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Intern, u b'mod aktar speċifiku, taħt is-Servizz tal-Ażil. L-organizzazzjoni ta' kuljum u t-tmexxija taċ-ċentru hija mwettqa mill-Kunsill tal-Assistenza Komunitarja ta' Kofinou.

Iċ-ċentru, magħmul minn 18-il appartament rettangolari prefabbrikati, jesa' mhux aktar minn 120 persuna. Erba' appartamenti jintużaw għall-amministrazzjoni, erba' oħra bħala spazji komuni u tnejn minnhom bħala appartamenti sanitarji. It-8 appartamenti li jifdal huma użati bħala spazji personali għall-persuni li qed ifittxu ażil. Kollha għandhom l-arja kondizzjonata. Grawnd ta' rekreazzjoni għat-tfal ġie rinnovat dan l-aħħar u għadu għaddej bir-rinnovamenti. Iċ-ċentru jospita familji, u b'mod partikulari xebbiet. L-ikel jiġi mqassam mis-servizz lokali tal-ikel b'konformità mat-talbiet/ħtiġijiet tar-residenti. B'mod ġenerali, iċ-ċirkostanzi huma bażiċi imma nodfa u ta' livell. Hemm provvediment għal attivitajiet ta' rikreazzjoni. Fl-istess

ħin wieħed għandu jenfasizza li dan iċ-ċentru, minħabba l-infrastruttura materjali tiegħu, kif ukoll minħabba l-fatt li qiegħed f'zona iżolata, mhuwiex tajjeb għal residenza fit-tul.

Peress li huwa ċentru miftuħ, hemm il-libertà tal-moviment għal dawk ir-residenti li għandhom id-dokumentazzjoni rilevanti tal-identità. Ir-residenti, kif ukoll il-viżitaturi, huma mitluba li jiffirmaw meta jidħlu u meta joħorġu, sabiex tiġi evitata l-prostituzzjoni. Madankollu mhemmx trasport pubbliku disponibbli direttament miċ-ċentru lejn l-ibliet il-kbar ta' Ċipru (u lura). Ir-residenti huma mwissija biex jistennew il-karozza tal-linja f'punt mhux speċifikat fit-triq, madwar 2 kilometri 'l bogħod miċ-ċentru. Jekk ikun hemm xi bżonn speċjali sabiex tal-linja tieqaf eżatt barra ċ-ċentru (pereżempju minħabba kundizzjonijiet ħżiena tat-temp), il-karozzi tal-linja regolari li għandhom ir-rotta 'Limassol-Nikosija' jiġu msejħa u mwissija mill-persunal taċ-ċentru sabiex joħorġu mit-triq prinċipali u jagħmlu din il-waqfa.

L-Università ta' Nikosija qed twettaq programmi fiċ-ċentru ta' akkoljenza ta' Kofinou. Dawn il-programmi, iffinanzjati mill-Fond Ewropew għar-Refuġjati, huma maħsuba biex itejbu l-kundizzjonijiet ta' għajxien fiċ-ċentru, biex jiġu stabbiliti proċeduri aħjar ta' amministrazzjoni kif ukoll biex jipprovdu għal assistenza soċjali u servizzi psikoloġiċi aħjar.

8. Żjara fit-tielet ċentru magħluq ta' akkoljenza (26.05.2008)

Iċ-Ċentru ta' Detenzjoni Blokk 10 f'Nikosija
Dan iċ-ċentru ta' detenzjoni qiegħed fir-residenza tal-ħabs ċentrali fil-belt ta' Ċipru. Iċ-ċentru huwa speċifikament iddedikat għad-detenuti miżmuma sakemm jistennew li jiġu ritornati jew imneħħija. Jesa' mhux aktar minn 80 persuna. Jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubblika. Fil-mument taż-żjara kien hemm madwar 40 raġel detenut preżenti, minn bosta nazzjonalitajiet. Iċ-ċentru għandu żewġ sulari b'faċilitajiet sanitarji preżenti fuq kull sular. Il-faċilitajiet huma bażiċi ħafna iżda nodfa fil-mument taż-żjara. Kull ċella tinqasam bejn żewġ detenuti. Iċ-ċentru għandu l-karatteristiċi kollha ta' ħabs normali iżda d-detenuti huma permessi li jħallu ċ-ċella tagħhom matul il-ġurnata.

9. Laqgħa mal-Ministru tal-Intern, is-Sur Neoklis SYLIKIOTIS, u mal-Ministru għax-Xogħol u għall-Assigurazzjoni Soċjali, is-Sra Sotiroulla CHARALAMBOUS

Il-Ministru Sylikiotis laqa' kordjalment lid-delegazzjoni u stqarr li japprezza l-fatt li l-Parlament jimmoniterja s-sitwazzjonijiet fl-Istati Membri u jispezzjoni jekk id-direttivi tal-UE ġewx implimentati korrettament.

Il-Ministru kompla billi enfasizza s-sitwazzjoni ġeografika ta' Ċipru. *'Ċipru diġà ilu post ta' akkoljenza għal żmien twil. Bosta nies waslu ġew fuq il-gżira. Fl-2006 ħafna mill-immigranti ġew mil-Libanu, iżda wkoll mill-Palestina, mis-Sirja u mill-Iraq. Ċipru kellha tittratta dawn is-sitwazzjonijiet u serviet ta' strument għat-trasferiment ta' għajnuna umanitarja.'*Apparti mill-pożizzjoni ġeografika, l-okkupazzjoni Torka toħloq problemi serji, kompla jgħid. *'Il-parti ta' fuq tal-gżira hija zona densa ħafna użata minn bosta immigranti irregolari biex isibu triqthom lejn il-parti ta' Ċipru kkontrollata mill-gvern.* Il-ministru reġa' spjega li l-Linja l-Ħadra, li testenda 'l fuq minn 180 kilometru, hija *'linja fejn jieqaf l-isparar u mhux konfini'*. Minħabba dan, għandhom isiru kontrolli aktar stretti u hemm il-ħtieġa essenzjali li kemm jista' jkun jiġi faċilitat id-dritt għall-moviment ħieles ta' persuni fuq iż-żewġ naħat tal-linja b'konformità sħiħa mar-Regolament tal-UE tal-Linja l-Ħadra.

Il-ministru jagħraf li mhux il-proċeduri kollha relatati mal-ażil u mal-migrazzjoni jaħdmu b'mod perfett. Huwa enfasizza l-koperazzjoni mal-NGOs. *'Il-kritika tagħhom tiġi użata għat-titjib fil-politika u fl-implimentazzjoni.'* Attwalment, f'Ċipru għad hemm 8,000 applikazzjoni għall-ażil mhux finalizzati. Il-ministru identifika d-dewmien tal-ipproċessar ta' dawn l-applikazzjonijiet bħala wieħed mir-raġunijiet prinċipali għal dan ix-xogħol b'lura, u ammetta li s-servizzi responsabbli għandu jkollhom persunal aħjar ekwipaġġat b'mod aħjar. Għalkemm numru ta' Stati Membri huma ta' għajnuna kbira biex jassistu lil Ċipru biex isolvi d-diffikultajiet li qed jaffaċċja, wieħed japprezza ħafna jekk ikun hemm solidarjetà bejn l-Istati Membri tal-UE.

Fl-ewwel xhur tal-2008, tressqu 1,292 applikazzjoni ġdida għall-ażil u ġew maħruġa 1,757 deċiżjoni. Ara wkoll l-Anness II. 6 persuni li qed ifittxu l-ażil ingħataw l-istatus ta' refuġjati, u 40 ingħataw status umanitarju temporanju. 795 applikazzjoni ġew rifjutati u 936 fajl ġew magħluqa (peress li l-applikant telaq jew ħarab).

Skont il-ministru, l-awtoritajiet huma favur iz-zoni l-ġodda ta' akkoljenza li huma aktar viċin taz-zoni urbani sabiex il-persuni li qed ifittxu ażil ma jkunux iżolati. Ċipru qiegħed fil-proċess li jinkorpora d-Direttiva 2005/85 fil-liġi nazzjonali dis-sena. Il-ministru ħoloq servizz indipendenti li se janalizza l-fondi kollha ta' solidarjetà tal-UE sabiex jibbenefika minn dawn il-fondi bl-aktar mod effettiv.

Dan l-aħħar, skont kif qal il-ministru, il-gvern iddeċiedi li d-detenzjoni, bħala regola, m'għandhiex tkun aktar minn 6 xhur. Barra minn hekk, hemm il-ħsieb għal faċilitajiet ġodda ta' detenzjoni b'kundizzjonijiet aħjar ta' għajxien. Dwar l-aċċess għal parir u assistenza legali b'xejn, il-ministru ammetta li l-assistenza legali pprovduta mill-NGOs mhijiex biżżejjed.

Il-Ministru Charalambous qalet li għaddej djalogu permanenti mal-UNHCR u li hi qed tipprova ttejjeb id-djalogu ma' NGOs oħra. Barra minn hekk il-ministru indikat li għandha l-intenzjoni l testendi s-setturi li l-persuni li qed ifittxu ażil ikollhom id-dritt jaħdmu fihom. Bħalissa r-raġuni għalfejn dan id-dritt huwa limitat għall-oqsma tal-agrikultura u l-bhejjem huwa biss minħabba kunsiderazzjonijiet tas-suq tax-xogħol. Il-ftehima kollettiva (li tkopri l-ħaddiema kollha u għalhekk mhux biss lill-persuni li qed ifittxu ażil), bejn it-trejdjunjins u l-assoċjazzjonijiet agrikoli, qed tiġi kkritikata bħala waħda mhux sodisfaċenti. Qed tiġi negozjata ftehima ġdida. Attwalment f'Ċipru m'hemmx paga minima nazzjonali iżda hemm pagi minimi stipulati għal bosta xogħlijiet. Skont il-ministru, għandhom jiġu koperti aktar xogħlijiet jekk dan ikun meħtieġ.

11. Konklużjonijiet u talbiet għal (aktar) informazzjoni

- **Attwalment l-akkoljenza għall-persuni li qed ifittxu ażil hija limitata.** Iċ-ċentru ta' Kofinou huwa l-uniku ċentru ta' akkoljenza għal persuni li qed ifittxu ażil li m'għandux indirizz f'Ċipru. Iċ-ċentru jesa' mhux aktar minn 120 persuna u jipprovdi alloġġ għal familji b'mod partikulari għan-nisa. L-Awtoritajiet Ċiprijotti huma ġentilment mitluba biex jikkonfermaw jekk verament għandhomx il-ħsieb li:
    - ikabbru d-daqs taċ-ċentru ta' Kofinou għallinqas b'9 appartamenti oħra ta' alloġġ. Jekk iva, jindikaw meta se jsir dan;
    - itejbu l-possibbiltajiet għal trasport pubbliku;
    - jindirizzaw in-nuqqas ta' alloġġ ta' emerġenza għal irġiel mhux miżżewġin. U jekk le, jagħtu raġuni;
    - jibnu faċilità oħra ta' akkoljenza bi standards adegwati (anki għal perjodi twal) f'zona anqas iżolata. Jekk iva, jindikaw meta se jsir dan.

- **L-NGOs kollha stqarru li jidher li l-evalwazzjonijiet individwali sabiex jiġu identifikati l-persuni li jeħtieġu trattament speċjali huma insuffiċjenti jew neqsin.** Sadanittant, l-Awtoritajiet Ċiprijotti spjegaw li persuni li jeħtieġu trattament speċjali huma l-ewwel nett identifikati mis-Servizzi ta' Assistenza Soċjali fejn il-maġġoranza tal-persuni li qed ifittxu ażil japplikaw ftit wara li jressqu l-applikazzjoni għall-ażil tagħhom. Dawn il-ħtiġijiet speċjali *jistgħu* jiġu identifikati wkoll waqt l-intervista. B'mod aktar speċifiku, fil-każijiet fejn hemm persuni li qed ifittxu ażil li huma waħidhom jew taħt l-età, il-pulizija tal-Immigrazzjoni għandha tinforma lis-Servizz tal-Ażil malli tiġi mressqa l-applikazzjoni. Is-Servizz tal-Ażil għandu jinforma mill-ewwel lis-Servizzi ta' Assistenza Soċjali sabiex jieħdu lill-persuna taħt l-età fil-kustodja tagħhom. Vittmi ta' tortura għandhom jintbagħtu mill-ewwel fl-Unità għar-Riabilitazzjoni tal-Vittmi ta' Tortura malli dan jiġi identifikat u/jew issir dikjarazzjoni ta' dan waqt intervista jew fi stadju preċedenti minn ħaddiem soċjali. Barra minn hekk, skont kif spjegaw l-Awtoritajiet Ċiprijotti, is-Servizz tal-Ażil għaddej bi proġett, kofinanzjat mill-ERF, għall-provvediment ta' għajnuna soċjali u appoġġ psikoloġiku lil persuni li qed ifittxu ażil. Dan il-proġett qed jiġi implimentat minn NGOs. Apparti dan li hawn imsemmi hawn fuq, l-Awtoritajiet Ċiprijotti huma ġentilment mitluba jikkonfermaw jekk jeżistux fil-preżent il-linji gwida speċifiċi għall-evalwazzjonijiet individwali (u b'mod partikulari biex jiġu identifikati l-persuni li jeħtieġu trattament speċjali). U jekk dan huwa minnu, huma disponibbli pubblikament dawn il-linji gwida?

- **It-tqassim u d-disponibbiltà (kif ukoll it-traduzzjonijiet) tal-fuljett li jispjega d-drittijiet ta' persuna li qed tfittex ażil (kif preparat mis-Servizz tal-Ażil) mhumiex suffiċenti.** L-Awtoritajiet Ċiprijotti huma ġentilment mitluba jinfurmawna jekk għandhom il-ħsieb li jtejbu t-tqassim u d-disponibbiltà tal-fuljetti. Jekk iva, jagħtu tagħrif ta' kif u meta se jagħmlu dan.

- **Jidher li l-aċċess għall-assistenza pubblika/benefiċċji ta' assistenza huwa pjuttost diffiċli.** L-Awtoritajiet Ċiprijotti huma ġentilment mitluba jressqu l-istatistika aġġornata tagħhom, inkluża spjegazzjoni dwar kemm persuni li qed ifittxu azil fil-fatt jużaw id-dritt tagħhom għall-assistenza pubblika regolari. Skont l-analiżi tal-istatistiki tal-2007 (mill-NGOs), aktar minn 95% mill-persuni li qed ifittxu ażil m'għandhomx impjieg fl-oqsma permess mill-politika attwali tax-xogħol, u lanqas jed jirċievu allowance pubblika.

- **Fil-preżent, is-setturi li l-persuni li qed ifittxu ażil għandhom id-dritt jaħdmu fihom huma limitati għall-oqsma tal-agrikultura u tal-bhejjem minħabba kunsiderazzjonijiet tas-suq tax-xogħol.** Il-Ministru għax-Xogħol u l-Assigurazzjoni Soċjali enfasizzat li qed tiġi kkunsidrata b'mod favorevoli l-enstensjoni ta' dan id-dritt għal setturi oħra. L-Awtoritajiet Ċiprijotti huma ġentilment mitluba jindikaw jekk, u meta, qed jaħsbu li jkunu jistgħu jneħħu (uħud m)ir- restrizzjonijiet.

- **It-tul fiż-żmien tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil u l-ammont ta' xogħol b'lura.** Skont l-aktar informazzjoni riċenti, is-Servizz tal-Ażil dan l-aħħar żied 4 membri tal-persunal oħra għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil. Barra minn hekk, f'Ġunju, il-persunal tas-Servizz tal-Ażil (5 persuni li jaħdmu fuq il-każijiet u segretarja) ġie trasferit għall-Uffiċċju tal-Immigrazzjoni ta' Nikosija sabiex jeżamina fuq il-post l-applikazzjonijiet għall-ażil. B'mod ġenerali, il-persunal tas-Servizz tal-Ażil qed jaħdem barra l-ħin tax-xogħol sabiex jeżamina kemm jista' jkun malajr l-

applikazzjonijiet kollha għall-ażil. L-Awtoritajiet Ċiprijotti huma ġentilment mitluba jistipulaw il-pjanijiet *strutturali* tagħhom għall-futur (qrib) sabiex jevalwaw l-applikazzjonijiet għall-ażil fil-ħin kif ukoll biex jeħilsu mix-xogħol li bħalissa hemm b'lura (u biex jiġi evitat xogħol ġdid b'lura).

- **Id-detenzjoni wara li tinħareġ Ordni mill-Qorti jew Ordni ta' Deportazzjoni u ta' Detenzjoni.** L-Awtoritajiet Ċiprijotti huma ġentilment mitluba:
    - jipprovdu statistika li tirrifletti l-persentaġġ ta' persuni detenuti wara li tinħareġ ordni mill-Qorti u l-persentaġġ ta' persuni detenuti wara li toħroġ ordni ta' Deportazzjoni u ta' Detenzjoni;
    - jispjegaw l-istatus tal-persuna meta tiġi liberata (pereżempju l-perjodu massimu ta' detenzjoni wara li tiskadi ordni mill-Qorti iżda fejn il-kwistjoni ma tkunx għadha ġiet solvuti);
    - jindikaw jekk id-detenzjoni hijiex użata meta jfalli kull tentattiv ieħor u jekk humiex provduti miżuri suffiċenti oħra li mhumiex daqshekk ta' imponiment;
    - jagħmluha ċara jekk il-perjodu ta' ritorn volontarju huwiex maħsub wara li tkun ħarġet ordni ta' deportazzjoni;
    - jikkonfermaw l-introduzzjoni ta' perjodu massimu ta' detenzjoni ta' 6 xhur għal persuni miżmuma fuq il-bażi ta' ordni ta' Deportazzjoni u ta' Detenzjoni;
    - jindikaw jekk hemmx il-ħsieb li jibdew reviżjonijiet regolari mill-awtorità ġudizzjarja ta' ordnijiet ta' detenzjoni.

- **Aċċess limitat għall-għajnuna legali.** Il-fatt li m'hemmx aċċess għal għajnuna legali b'xejn għal każijiet *mhux* kriminali huwa ta' tħassib serju peress li l-persuni miżmuma li m'għandhomx mezzi finanzjarji suffiċenti biex iħallsu huma stess għall-għajnuna legali, jibqgħu mingħajr difiża. L-Awtoritajiet Ċiprijotti indikaw li l-aċċess għall-għajnuna legali b'xejn għal każijiet mhux kriminali bħalissa qed jiġi kkunsidrat fil-qafas tat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil 2005/85/KE. L-Awtoritajiet Ċiprijotti huma ġentilment mitluba jirrappurtaw dwar ir-riżultat ta' dan u dwar is-soluzzjonijiet possibbli.

12. Dikjarazzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni Ewropea

Filwaqt li Ċipru ngħaqdet kollha kemm hi mal-UE, il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv sal-Linja l-Ħadra filwaqt li l-applikazzjoni tal-acquis communautaire ġiet sospiża fin-naħa ta' fuq tal-Linja l-Ħadra b'konformità mal-Protokoll Nru 10 tal-Att ta' Adeżjoni 2003. Il-Linja l-Ħadra żviluppat fi problema serje fir-rigward tal-immigrazzjoni illegali.

Din il-problema għandha tiġi indirizzata mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fin-negozjati li qed isiru fir-rigward tal-adeżjoni mal-UE tat-Turkija. It-Turkija għandha terfa' r-responsabbiltà tagħha peress li l-impatt fuq il-partijiet ta' Ċipru kkontrollati mill-gvern daqt se jwassal għal sitwazzjoni li ma tkunx tista' tiġi mmaniġġjata, mil-lat demografiku, politiku kif ukoll finanzjarju.

Barra minn dan, u b'mod aktar ġenerali, wieħed għandu jinnota li tul dawn l-aħħar 18-il xahar ma saru l-ebda żvilupp fuq il-ftehima bilaterali ta' ħidma bejn it-Turkija u l-Frontex. Dan mhuwiex aċċettabbli. Hemm bżonn sew li t-Turkija u l-UE jilħqu ftehim komuni dwar l-importanza ta' koperazzjoni urġenti u mill-viċin f'dan il-qasam.

Anness I

Parlament Ewropew
Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Id-Delegazzjoni f'Ċipru
25 - 27 ta' Mejju 2008

PROGRAMM

Il-Ħadd 25 ta' Mejju 2008

14:55	Wasla f'Larnaca, Ċipru
16:30 – 17:30	żjara fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Famagusta f'Larnaca
17:30 - 18:00	żjara fl-Għassa tal-Pulizija f'Aradippou
18:00 – 19:00	vjaġġ b'tal-linja minn Larnaca għal Nikosija għall-ħotel

It-Tnejn, 26 ta' Mejju 2008

08:30 – 9:00	vjaġġ mill-ħotell għall-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew f'Nikosija
9:00 – 10:00	**laqgħa mal-UNHCR u l-NGOs** (Uffiċċju tal-Parlament Ewropew)
10:00 – 11:00	**laqgħa mas-Sra Eliana NICOLAOU, il-Kummissarju għall-Amministrazzjoni (Ombudsman)** (Uffiċċju tal-Parlament Ewropew)
11:00 – 11:45	vjaġġ lejn Kofinou
11:45 – 13:15	**żjara fiċ-Ċentru ta' Akkoljenza ta' Kofinou**

Kienu preżenti magħna: f'isem is-Servizz tal-Ażil tal-Ministeru tal-Intern, is-Sur Sotos Ktoris, is-Sra Natasa Andreou u s-Sra Kakia Demetriou. U s-Sra Papageorgiou f'isem il-Ministeru tal-Intern.

13:15 – 13:40	vjaġġ lejn ir-restorant Kalymnos
13:40 – 15:30	ikla
15:30 – 16:30	vjaġġ lejn iċ-ċentru ta' Detenzjoni Blokk 10, Ħabs Ċentrali, Nikosija
16:30 – 18:00	**żjara fiċ-ċentru ta' Detenzjoni Blokk 10, Ħabs Ċentrali, Nikosija**
18:00 – 18:15	lura għall-ħotel

It-Tlieta 27 ta' Mejju 2008

8:30 – 9:00	vjaġġ għall-Ministeru tal-Intern
9:00 – 10:30	**laqgħa mas-Sur Neoklis SYLIKIOTIS, Ministru tal-Intern, u mal-Ministru għax-Xogħol u għall-Assigurazzjoni Soċjali, is-Sra Sotiroulla CHARALAMBOUS u mar-rappreżentanti tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubblika**

Kien hemm ukoll preżenti: Is-Sra Anny Shakalli, id-Direttur tar-Reġistru Ċivili u tad-Dipartiment ta' Migrazzjoni, il-Ministeru ta' l-Intern, Is-Sra Marianna Frantzi, l-Assistenta Kap tal-Pulizija, il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubblika, is-Sur Emilios Lambrou, is-Supretendent A', l-Unità tal-Barranin u l-Immigrazzjoni, il-Pulizija, il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubblika, is-Sra Kyriaki Lambrianidou, il-Kap Spettur tal-Pulizija, il-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Ordni Pubblika, is-Sur A. Leonidou, l-Ispettur tal-Pulizija, il-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Ordni Pubblika, is-Sur Sotos Ktoris, l-Uffiċċjali Amministrattivi, is-Servizz tal-Ażil, il-Ministeru tal-Intern, is-Sra Natasa Andreou u / jew is-Sra Kakia Demetriou, l-Uffiċċjali Amministrattivi, is-Servizz tal-Ażil, il-Ministeru tal-Intern, is-Sur Andreas Constantinou, l-Uffiċċjali Amministrattiv, il-Ministeru tal-Intern, is-Sra Agni Papageorgiou, l-Uffiċċjali Amministrattiv, il-Ministeru tal-Intern.

10:30 – 10:45	vjaġġ lejn l-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew
10:45 – 11:30	**konferenza stampa fl-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew**
11:30 - 11:45	lura għall-ħotel
11:45 – 14:00	ikla
14:00 – 15:00	vjaġġ lejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Larnaca
16:00-21:30	titjira lura lejn Brussell

Parlament Ewropew
Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Id-Delegazzjoni f'Ċipru
25 - 27 ta' Mejju 2008

LISTA TA' PARTEĊIPANTI

MEPs

Martine ROURE (PES) (Kap tad-delegazzjoni)
Jeanine HENNIS-PLASSCHAERT (ALDE) (Rapporteur)

Jean LAMBERT (Greens/EFA)

Adamos ADAMOU (GUE/NGL) (*hors quota*)
Panayiotis DEMETRIOU (EPP-ED) (*hors quota*)
Ioannis KASOULIDES (EPP-ED) (*hors quota*)
Marios MATSAKIS (ALDE) (*hors quota*)

L-assistenti tal-MEPs

Pauline CHAIGNE (l-assistenta ta' Martine ROURE)
Nanda KELLY (l-assistenta ta' Jeanine HENNIS-PLASSCHAERT)
Emilie MIRDJANIAN (l-assistenta ta' Roselyne LEFRANCOIS)

Konsulenti politiċi LIBE

Stavroula KALOPSIDIOTOU (GUE/NGL)
Annie LEMARCHAL (PES)
Anders RASMUSSEN (ALDE)
Christine SIDENIUS (Greens/EFA)
Chiara TAMBURINI (GUE/NGL)

Is-Segretarjat tal-Kumitat LIBE

Ana DUMITRACHE
Cristina RODRIGUES

L-Uffiċju tal-PE f'Nikosija

Tasos GEORGIOU (Kap tal-Uffiċċju tal-PE)

Interpreti

EL, EN, FR, DE, IT - 6 persuni

ANNESS II

	2008*		2007		2006		2005		2004		2003		2002		Total	
	applikazzjonijiet	persuni.	appl.	il-pers.	appl.	il-pers.	appl.	il-pers.	appl.	il-pers.	appl.	il-pers.	appl.	il-pers.	**appl.**	**il-pers.**
Applikazzjonijiet imressqa	1862	2013	5905	6789	4286	4545	7291	7746	9285	9872	4032	4407	839	952	**33500**	**40610**
DEĊIŻJONIJIET	**2840**	**2995**	**6749**	**7184**	**5295**	**5601**	**5499**	**5804**	**4998**	**5345**	**404**	**411**	**126**	**143**	**23071**	**27483**
a) Persuni li qed ifittxu aż̀il li ngħataw l-istatus ta' refuġjati	8	18	15	36	19	37	16	41	15	30	0	0	0	0	**73**	**162**
b) Status Umanitarju (inkluż l-istatus sussidjarju ta' protezzjoni)	41	90	115	191	85	151	50	122	26	56	10	10	0	0	**327**	**620**
c) Rifjutati	1309	1374	2123	2316	1674	1779	2988	3133	2504	2734	267	274	126	143	**10991**	**11753**
d) Fajls magħluqin	1482	1513	4496	4641	3517	3634	2445	2508	2453	2525	127	127	0	0	**14520**	**14948**
Każijiet mhux finalizzati	7589	8841	8567	9823	9411	10218	10420	11274	8628	9332	4341	4805	713	809		

**Sat-30/06/2008*